Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,671, 23 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XLVII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi dwar it-twaqqif taż-żona ekonomika esklussiva jew parti minnha, medda ta' protezzjoni tal-ambjent u għal affarijiet oħra anċillari għalihom.

ACT No. XLVII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the establishment of the exclusive economic zone or part thereof, environment protection area and for other ancillary matters thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

23 ta' Lulju, 2021

ATT Nru XLVII tal-2021

ATT sabiex jipprovdi dwar it-twaqqif taż-żona ekonomika esklussiva jew parti minnha, medda ta' protezzjoni tal-ambjent u għal affarijiet oħra anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"azzjoni kif imiss" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"blata kontinentali" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Blata Kontinentali; Kap. 535.

"ibħra territorjali" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"linji bażi" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Blata Kontinentali; Kap. 535.

"Malta" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħti lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Medda" tfisser medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra taħt l-artikolu 2 ta' dan l-Att;

"medda f'żona ekonomika esklussiva" tfisser kwalunkwe medda msemmija mill-Ministru taħt l-artikolu 4 ta' dan l-Att, li fiha jiġu eżerċitati l-jeddijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"medda ta' protezzjoni tal-ambjent" tfisser kwalunkwe medda msemmija mill-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta, li fiha tiġi eżerċitata l-ġurisdizzjoni msemmija fl-artikolu 3(1)(b)(iii) ta' dan l-Att:

Iżda dik il-medda ma tkunx tista' teċċedi ż-żona ekonomika esklussiva;

"Ministru" tfisser il-Prim Ministru ta' Malta u tinkludi kull Ministru, uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra hekk kif dawn jistgħu jiġu awtorizzati minnu minn żmien għal żmien għal xi fini ta' dan l-Att;

"riżorsi naturali" tfisser kemm riżorsi li jgħixu u riżorsi li ma jgħixux, inklużi riżorsi ġenetiċi, li jkunu jinsabu fiż-żona ekonomika esklussiva, fil-medda f'żona ekonomika esklussiva jew fil-medda ta' protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll kull attività għall-esplorazzjoni ekonomika u għall-esplojtazzjoni taż-Żona jew Meded imsemmija, bħalma huma l-produzzjoni tal-enerġija mill-ilma, kurrenti u rjieħ;

"uffiċjal marittimu għall-infurzar" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

Kap. 226.

"Żona" tfisser żona ekonomika esklussiva kif imfissra taħt l-artikolu 2 ta' dan l-Att;

"żona ekonomika esklussiva" tfisser il-medda lil hinn minn u maġenb l-ibħra territorjali, li testendi sa limitu stabbilit skont il-liġi internazzjonali, imkejjel mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali; b'dan illi meta relattivament għal Stati li jkollhom il-kosta tagħhom faċċata dik ta' Malta jkun meħtieġ li jkun hemm konfini, dik il-konfini għandha tiġi stabbilita bi ftehim bejn Malta u dak l-Istat ieħor jew Stati oħra jew, fin-nuqqas ta' ftehim, il-linja medjana, jiġifieri linja li

jkollha kull punt tagħha ekwidistanti mill-eqreb punti tal-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali ta' Malta u dak l-Istat ieħor jew Stati oħra:

Iżda sakemm il-ftehim imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, l-attivitajiet jew il-liċenzji kollha maħruġin bis-saħħa ta' dan l-Att ikunu japplikaw biss għall-medda li tkun tinsab fuq ix-xaqliba ta' Malta tal-linja medjana bejn il-kosta ta' Malta u l-kosta tal-Istat jew Stati li jkunu jinsabu faċċata:

Iżda wkoll ebda ħaġa m'għandha żżomm lill-Gvern ta' Malta milli jidħol f'xi arranġament ta' kooperazzjoni, bħal xi ftehim ta' żvilupp konġunt, ftehim ta' qsim ta' introjti u ftehim internazzjonali ta' unitisation, ma' Stati ġirien għall-fini tal-esplorazzjoni, l-esplojtazzjoni, konservar u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali fiż-żona ekonomika esklussiva:

Iżda wkoll aktar, il-Gvern ta' Malta jista' jestendi l-konfini taż-żona ekonomika esklussiva lil hinn mil-linja medjana skont il-liġi internazzjonali;

"żona ta' sigurtà" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Blata Kontinentali. Kap. 535.

TAQSIMA II
ŻONA EKONOMIKA ESKLUSSIVA

Jeddijiet sovrani u ġurisdizzjoni.

3. (1) Il-Ministru għandu s-setgħa jistabbilixxi żona ekonomika esklussiva jew medda f'żona ekonomika esklussiva, li ġo fiha Malta jkollha:

(a) jeddijiet sovrani għall-fini li tesplora u tesplojta, tikkonserva u timmaniġġja r-riżorsi naturali tal-ibħra supra-qarib ma' qiegħ il-baħar, u ta' qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu, u dwar attivitajiet oħra għall-esplorazzjoni ekonomika u l-esplojtazzjoni taż-Żona jew tal-Medda, bħall-produzzjoni ta' enerġija mill-ilma, kurrenti u rjieħ;

(b) ġurisdizzjoni dwar:

(i) it-twaqqif u l-użu ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi;

(ii) riċerka xjentifika marittima;

(iii) il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent marittimu;

(ċ) dawk il-jeddijiet l-oħra li jistgħu jiġu provduti dwarhom b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, kwalunkwe regolamenti magħmulin taħthom, jew li jkunu rikonoxxuti taħt il-liġi internazzjonali.

(2) Il-jeddijiet li jirrigwardaw qiegħ il-baħar u s-sottoswol taż-Żona jew tal-Medda msemmija għandhom jiġu eżerċitati skont l-Att dwar il-Blata Kontinentali. Kap. 535.

(3) Il-jeddijiet li jirrigwardaw riżorsi li jgħixu fiż-Żona jew fil-Medda msemmija għandhom jiġu eżerċitati skont l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd. Kap. 425.

(4) Il-jeddijiet li jirrigwardaw l-attivitajiet għall-esplorazzjoni ekonomika u l-esplojtazzjoni tal-Żona jew Medda għandhom jiġu eżerċitati skont dan l-Att, u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu, jew minn kull liġi oħra u regolamenti magħmulin taħtha, stabbiliti sabiex jirregolaw dawk l-attivitajiet.

Denominazzjoni ta' żona ekonomika esklussiva permezz ta' Meded.

4. Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, b'ordni pubblikat fil-Gazzetta, jinnomina medda f'żona ekonomika esklussiva maġenb l-ibħra territorjali, li fiha jiġu eżerċitati l-jeddijiet u l-ġurisdizzjoni msemmija fl-artikolu 3.

Projbizzjoni ta' attivitajiet. Kap. 535. Kap. 425.

5. Ħlief fejn jiġi hekk awtorizzat mill-Gvern skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Blata Kontinentali, l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħt dawn l-Atti, fiż-Żona jew fil-Medda ħadd m'għandu:

(a) jesplora jew jesplojta kwalunkwe riżorsi naturali, sew li jgħixu sew li ma jgħixux;

(b) jagħmel xi tfittxija, tħaffir jew operazzjonijiet ta' titqib;

(ċ) iwettaq xi attività ekonomika;

(d) jibni jew jawtorizza u jirregola l-kostruzzjoni, l-operazzjoni u l-użu ta' xi:

(i) gżira artifiċjali;

(ii) stallazzjoni jew struttura għal xi fini minn dawk li hemm provdut dwarhom fl-artikolu 3 jew għal xi fini ieħor ekonomiku; jew

(iii) stallazzjoni jew struttura li tista' tinterferixxi mal-eżerċizzju tal-jeddijiet ta' Malta fiż-Żona jew fil-

Medda msemmija;

(e) iwettaq riċerka xjentifika marittima jew xi xort'oħra ta' riċerka.

Medda ta' protezzjoni tal-ambjent.

6. Il-Ministru għandu s-setgħa jistabbilixxi medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-artikolu 2 ta' dan l-Att. Meta jkun qed jistabbilixxi dik il-medda, il-Ministru jista' japplika kwalunkwe jeddijiet u setgħat mogħtija taħt dan l-Att jew taħt kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu jew taħt il-liġi internazzjonali.

Protezzjoni tal-kosta, meded u interessi oħra.

7. Il-Gvern ta' Malta jista' jadotta miżuri fir-rigward taż-Żona jew tal-Medda li jkunu meħtieġa sabiex iħarsu l-kosta ta' Malta jew xi segment jew element tal-ambjent marittimu jew interessi bħal dawk, inkluż is-sajd u attivitajiet ekonomiċi oħra, mit-tniġġis jew it-theddida ta' tniġġis.

Jeddijiet u dmirijiet ta' Stati oħra.

8. (1) Ebda ħaġa taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu m'għandha taffettwa l-jedd ta' Stati oħra li jgawdu, fiż-Żona jew fil-Medda, il-libertajiet ta' navigazzjoni u titjiriet li jissorveljaw u t-tqegħid ta' cables u pipelines taħt il-baħar, u kull użu ieħor tal-baħar internazzjonalment rikonoxxut bħala leġittimu u li jkollu x'jaqsam ma' dawn il-libertajiet, bħalma huma dawk assoċjati mal-operazzjoni ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u cables u pipelines taħt il-baħar, sakemm it-tgawdija ta' dawk il-jeddijiet tkun kompatibbli mal-liġi internazzjonali.

(2) Meta jkunu qegħdin jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom u jwettqu dmirijiethom taħt il-liġi internazzjonali fiż-Żona jew fil-Medda msemmija, Stati oħra għandhom iqisu kif dovut il-jeddijiet u d-dmirijiet tal-Gvern ta' Malta u għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Blata Kontinentali, l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħt dawn l-Atti, kif ukoll dawk ir-regoli li japplikaw fil-liġi internazzjonali.

Kap. 535.
Kap. 425.

TAQSIMA III
REGOLAMENTI

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

9. (1) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti għar-rigward ta' kull għan jew xi wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet li ġejjin:

(a) jirregola l-esplorazzjoni, l-esplojtazzjoni, il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali ta' xi Żona jew Medda taħt dan l-Att;

(b) jirregola jew jipprojbixxi l-kostruzzjoni, bini, tqegħid, jew użu ta' ġejjer artifiċjali, stallazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda msemmija taħt dan l-Att:

(i) f'dak li għandu x'jaqsam mal-esplorazzjoni, esplojtazzjoni, konservazzjoni jew ġestjoni tar-riżorsi naturali taż-Żona jew tal-Medda jew ta' xi parti minnha;

(ii) f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġurisdizzjoni msemmija fl-artikolu 3(1)(b);

(iii) f'dawk l-inħawi fejn dawn jistgħu jikkaġunaw interferenza mal-jeddijiet tal-Gvern ta' Malta li jesplora, jesplojta, jikkonserva jew jimmaniġġja r-riżorsi naturali taż-Żona jew tal-Medda msemmija;

(iv) f'dawk l-inħawi fejn dawn jistgħu jikkaġunaw interferenza mal-użu ta' mogħdijiet fil-baħar rikonoxxuti li jkunu essenzjali għan-navigazzjoni internazzjonali kif ukoll navigazzjoni fl-ibħra territorjali ta' Malta;

(ċ) jirregola t-twaqqif ta' żoni ta' sigurtà madwar kwalunkwe minn dawk il-ġejjer artifiċjali, stallazzjonijiet, strutturi jew tagħmir imsemmija fil-paragrafu (b);

(d) jirregola t-tqegħid, manutenzjoni u sorveljanza ta' cables u ta' pipelines taħt il-baħar fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(e) jirregola riċerka xjentifika marittima fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(f) jippreskrivi dawk il-miżuri li jitqiesu li jkunu meħtieġa f'xi żona ta' sigurtà bħal dik għall-protezzjoni tal-ġżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda msemmija li ż-żona ta' sigurtà tkun ġiet stabbilita minħabba fiha;

(g) jirregola jew jipprojbixxi d-dħul ta' bastimenti f'xi żona ta' sigurtà bħal dik;

(h) jippreskrivi l-miżuri li għandhom jittieħdu f'xi żona ta' sigurtà bħal dik għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent marittimu, kif ukoll għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali taż-Żona jew tal-Medda msemmija;

(i) jippreskrivi l-avviż li għandu jingħata tal-kostruzzjoni, bini, jew tqegħid ta' ġejjer artifiċjali,

stallazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(j) jippreskrivi dawk il-mezzi permanenti li għandhom jiġu stallati għall-fini li jingħata avviż lil bastimenti u inġenji tal-ajru tal-preżenza ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet, strutturi jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(k) jipprovdi għat-tneħħija ta' gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet, strutturi jew tagħmir mibnija, imtellgħin, jew imqiegħda fiż-Żona jew fil-Medda msemmija li jkunu ġew abbandunati jew ma baqgħux jintużaw;

(l) jipprojbixxi jew jirrestrinġi kwalunkwe esplorazzjoni jew esplojtazzjoni:

(i) ta' xi Żona jew Medda jew ta' xi parti speċifikata minnhom; jew

(ii) tar-riżorsi naturali tagħhom;

(m) iħares u jippreserva l-ambjent marittimu fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(n) jipprovdi dwar dak kollu li jista' jkun meħtieġ, inkluż li jippreskrivi ħlasijiet u l-ġbir ta' taxxi, li jkunu jagħtu effett sħiħ lil dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu, u għall-amministrazzjoni relattiva dovuta;

(o) jirregola l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni taż-Żona jew tal-Medda msemmija għall-produzzjoni ta' enerġija mill-ilma, kurrenti u rjieħ u għal kwalunkwe finijiet ekonomiċi oħra;

(p) jirregola l-proċeduri ta' liċenzji għal dawk l-attivitajiet li jseħħu fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(q) jipprovdi dwar dak kollu li jista' jkun meħtieġ jew spedjenti biex jingħata effett sħiħ lill-jeddijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni ta' Malta fiż-Żona jew fil-Medda msemmija;

(r) jippreskrivi l-inqas u l-ogħla pieni, sew bħala multa jew priġunerija, li għandhom jiġu applikati dwar kwalunkwe kontravvenzjonijiet jew in-nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu:

Iżda kull piena preskritta fir-regolamenti magħmulin taħt dan il-paragrafu m'għandhiex tkun ta' iżjed minn multa ta' żewġ miljun euro (€2,000,000), u l-priġunerija m'għandhiex

tkun ta' iżjed minn żmien ħames (5) snin, jew it-tnejn flimkien, għal kwalunkwe kontravvenzjonijiet jew nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe regolamenti bħal dawk.

(2) Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Ministru għandu wkoll is-setgħa li jagħmel kwalunkwe regolamenti jew ordnijiet skont ma jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni xierqa ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu.

TAQSIMA IV
INFURZAR

Ġurisdizzjoni kriminali u ċivili.

10. (1) Kwalunkwe att jew ommissjoni li:

(a) tkun tinvolvi jew tiġri fuq, taħt jew 'il fuq minn gżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura jew tagħmir fiż-Żona jew Medda jew fi kwalunkwe ibħra f'distanza ta' ħames mitt metru (500m) minn dik il-gżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura jew tagħmir; u

(b) kieku, jekk dan jiġri f'xi parti ta' Malta, ikun jikkostitwixxi reat taħt il-liġi li tkun fis-seħħ f'Malta,

għandu jiġi ttrattat għall-finijiet ta' dik il-liġi u ta' kull liġi oħra li tkun fis-seħħ f'Malta daqslikieku dan ikun ġara f'Malta stess.

(2) Għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni ċivili li tiġi eżerċitata mill-Qrati ta' Malta, kwalunkwe gżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda u fi kwalunkwe ibħra tal-madwar f'distanza ta' ħames mitt metru (500m) minnhom, għandha titmexxa daqslikieku dawn ikunu ġraw f'Malta stess.

(3) Kull uffiċjal marittimu għall-infurzar fuq kwalunkwe gżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura jew tagħmir fiż-Żona jew fil-Medda msemmija, għandu jkollu kull setgħa, protezzjoni u privileġġ li għandu f'Malta.

Azzjoni kif imiss minn uffiċjali marittimi għall-infurzar.

11. Għall-fini li tiġi żgurata konformità ma' dan l-Att, kwalunkwe uffiċjal marittimu għall-infurzar jista', meta jkollu għaliex jaħseb li jkun sar reat taħt dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu, jieħu dik l-azzjoni dovuta u li tkun meħtieġa.

Dritt ta' insegwiment attiv.
Kap. 226.

12. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (6), it-tnejn inklużi, u tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull suspett raġonevoli ta' xi reat taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu.

A 1061

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 487 tat-12 ta' Lulju, 2021.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati